**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**SEDUTA - KOLLIŻJONIJIET**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Karol Grech**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Karol Grech ta' 24 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 402891M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"Billi inti akkużat talli fit-21 ta' Marzu 2015 ghal habta ta' 9pm u/jew hinijiet qabel, fi Triq Tal-Barrani Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer soqt vettura tal-ghamla Honda Prelude numru tar-registrazzjoni KBJ872, u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Dimech minn San Pawl skond kif iċċertifika Dr. T. Zammit Reg 3054 mill-isptar Mater Dei.*
>
> *Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ikkagunajt ferita fuq il-persuna ta' Rawia El Badr li gabitilha abort skond kif iċċertifika Dr. Ali Safraz mill-isptar Mater Dei.*

*Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi ikkagunajt ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Bianco minn Haz-Zabbar skond kif iccertifika Dr. Pasan Perera Reg 5560 mill isptar Mater Dei u ferita hafifa fuq il-persuna ta' Rawia El Badr skond Dr. V. Patel Reg 3602 mill-isptar Mater Dei.*

*Ukoll ukoll talli fl-istess ċirkustanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota Vitz numru tar-registrazzjoni ACC932 u Opel Astra numru tar-registrazzjoni AAF389 u Honda prelude numru tar-registrazzjoni KBJ872 ghad-detriment ta' Ezzadden Ali Bashir Farhat, Anthony Dimech u Mary Grace Grace rispettivament.*

*Ukoll ukoll talli fl-istess cirkustanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt hsara fuq pjanti, siġar u/jew oggetti ohra ghad detriment ta' E.L.C Ltd u/jew entitaijiet ohra.*

*Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi fi Triq tal-Barrani Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer soqt l-imsemmija vettura Honda Prelude numru tar-registrazzjoni KBJ872 b'manjiera traskurata u perikoluza.*

*Ukoll talli fl-istess cirkustanzi soqt l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.*

*Ukoll tall fl-istess cirkustanzi fi Triq tal-Barrani Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer soqt l-istess vettura meta ma kontx kopert ghal riskju ta' terzi persuni.*

*Ukoll tall fl-istess cirkustanzi bil-hsieb li taghmel uzu temporanju taghha soqt vettura tal-ghamla Honda Prelude numru tar-registrazzjoni KBJ872 kemm jekk immexija b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor.*

*Il-Qorti hi mitluba li f'sejbien ta' htija, Karol Grech jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.*

*Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba sabiex barra mill tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fil-waqt li qed nesebixxi l-Fedina Penali u l-estratt tat-twelid tal-imsemmi Karol Grech nitlob li l-kaz tieghu jigi nvestigat skond il-Ligi."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Bħala provi, tressqu s-segwenti:

i. Current Incident Report;

ii. **Maria Bianco** li xehdet li l-imputat kien mar għaliha bil-karozza u kienu sejrin jaraw in-nar tas-Siġġiewi. Spjegat li kif inqalbu d-dwal tat-*traffic lights* li hemm f'Tal-Barrani, l-imputat qala' b'veloċità normali, qaleb l-indicator għan-naħa tal-lemin u mbagħad, rat karozza ġiet għal fuqhom u ma tiftakarx x'ġara iktar. Spjegat li kienu ġejjin minn Ħaż-Żabbar;

iii. **Bernard Debono** li xehed li huwa kien ra lil Karol Grech fejn it-*traffic lights* Tal-Barrani u sellmu lil xulxin. Qal li huwa kien qed isuq il-vettura FCA087. Spjega li huwa kien qed isuq wara Karol Grech, li jiġi l-kuġin tiegħu. Spjega li kien hemm Toyota Vitz fuq il-lane ta' ġewwa u Karol Grech kien fuq il-lane ta' barra. Qal li ra lit-Toyota Vitz tidħol ġol-vettura ta' Karol Grech u timbuttha għall-karreġġjata l-oħra tat-triq. Spjega li huwa kien qed isuq b'veloċità ta' sittin kilometru u qal li kieku kien għaddej b'veloċità ikbar, il-vettura tiegħu kienet tispiċċa ġol-vetturi ta' quddiemu. Sostna li t-Toyota Vitz u l-vettura ta' Karol Grech kienu mexjin fl-istess direzzjoni lejn Santa Luċija, ma ġenb xulxin. Ikkonferma li l-vettura ta' Karol Grech spiċċat qabżet is-*central strip* u baqgħet sejra. Spjega li x-xufier tat-Toyota Vitz baqa' jsuq sakemm ma setax jibqa' jsuq;

iv. **Massimo Cini** li xehed li huwa kien passiġġier ma' Bernard Debono. Ikkonferma li xħin waqfu fejn it-*traffic lights*, raw lil Karol Grech, u mbagħad qalgħu fuq *lights* oħra, b'dana li l-vettura ta' Karol Grech ġiet quddiem il-vettura li kien jinsab fiha. Spjega li seħħ l-inċident peress li Toyota Vitz qalgħet għal fuq il-*fast lane* u daħlet ġol-karozza misjuqa minn Karol Grech. Spjega li l-karozza ta' Karol Grech qabżet is-c*entral strip* u ma kinitx għaddejja bil-mod. Sostna li Karol Grech kien għaddej bit-80 kilometru;

v. **Christopher Gauci** li xehed li huwa kien riekeb ma' Bernard Debono fil-vettura Mercedes. Kien fuq in-naħa ta' wara. Qal li meta waslu fejn il-*lights* Tal-Barrani, waqfu u raw lil Karol Grech. Spjega li meta nqalbu l-*lights*, telqu u Karol Grech qabeż lil Bernard, biex ġie quddiemu. Spjega li ra vettura Toyota tikser fejn kien hemm il-vettura ta' Karol Grech, bla *indicator*. Sostna li t-*traffic* kien mexxej ħafna dakinhar. Ikkonferma li l-vettura ta' Karol Grech ħabtet ma' vettura oħra, wara li nqatgħet mill-art u qabżet is-*central strip*. Spjega li l-vettura ta' Karol Grech kienet qed tinsaq bi tmenin kilometru żgur;

vi. **Mary Grace Grech** li għażlet li ma tixhidx;

vii. Affidavit ta' **Dr Jonathan Tabone** li kkonferma li eżamina lil Anthony Dimech fil-21 ta' Marzu, 2015, u li nstab li kien fil-periklu tal-mewt, kif ukoll kellu diversi ksur, fost ġrieħi oħra;

viii. **Erzzadden Ali Bashir Farhat** li xehed li huwa s-sid tat-Toyota Vitz u li dakinhar tal-inċident, ma kienx qed isuq din il-vettura. Qal li kien sellifha lil Salahiddin Mohammed Altaroug. Spjega li dan telaq lejn il-Libja.

ix. **Edgar Borg** li xehed li huwa rappreżentant tal-ELC u li l-ħsara li saret lis-siġar kaġun ta' dan l-inċident, baqgħet ma ġietx imħallsa. Spjega li kien hemm seba' siġriet li ġew imqaċċta, u li l-ammont tagħhom jammonta għal €266.63ċ;

x. **Anthony Dimech** li xehed li huwa kien qed isuq vettura tal-marka Opel Astra u kien qabad it-triq Tal-Barrani, fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun. Qal li f'daqqa waħda ma jafx x'ġara u sab ruħu l-isptar. Dam l-isptar bejn tliet u erba' ġimgħat, filwaqt li għamel madwar tliet xhur ma jimxix. Spjega li kellu ħafna ksur f'diversi postijiet. Spjega li għat-tieġ tiegħu stress, mar bil-krozzi. Spjega li għamel żmien twil barra mix-xogħol u kien jeżaminah Massimo Abela;

xi. Affidavit ta' **Massimo Abela** li eżamina lil Anthony Dimech;

xii. **Massimo Abela** li xehed li l-grieħi li sofra Anthony Dimech kienu damu aktar minn tletin ġurnata biex ifiequ, u li Dimech sofra 12% ta' diżabilità permanenti;

xiii. Affidavit ta' **Dr Karl Camilleri** li eżamina lil Karol Grech;

xiv. **Spettur Spiridione Zammit** li xehed l-involviment tiegħu u ta' uffiċjali oħra fl-investigazzjoni tagħhom dwar dan l-inċident. Spjega li Karol Grech kellu ferita gravi, waqt li l-partner tiegħu kellha feriti ħfief. Spjega

li Rawia El Badr u Salahiddin Mohammed Altaroug irrifjutaw li jiġu medikati l-isptar. Spjega li nfetħet inkjesta maġisterjali;

xv. **Rawia El Badr** li xehdet li f'Marzu 2015, kienet involuta f'inċident tat-traffiku fi Triq Bir id-Deheb, Ħal Tarxien. Spjegat li kienet ma' ħabib tagħha, Salahiddin Mohammed Altaroug, ġo vettura Toyota u kienu ġejjin miż-Żejtun, direzzjoni lejn l-Imsida. Dak iż-żmien, hija kellha erba' xhur tqala. Spjegat li semgħet ħoss qawwi ta' karozza qed isuq minn warajhom. Spjegat li din il-vettura kienet qed tinsaq b'veloċità qawwija u l-vettura li kienet fiha, intlaqtet fuq in-naħa tal-lemin, daret u baqgħet dieħla ġo ħajt. Spjegat li f'din il-vettura, kien hemm ukoll tfajla b'ġakketta bajda. Kompliet tgħid li din il-vettura l-oħra, wara li ħabtet ġo fihom, ħabtet ġo vettura oħra. Sostniet li d-daqqa ħassitha min-naħa tax-xufier fuq in-naħa ta' wara. Sostniet li kienet muġugħa f'daharha. Spjegat li hi ma baqgħetx l-isptar, iżda mbagħad kellha terġa' tidħol l-isptar peress li korriet;

xvi. L-atti kollha tal-inkjesta maġisterjali;

xvii. Sar kontroeżami ta' Dr Mario Scerri u ta' Dr Mario Buttigieg.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti fliet l-inkartament kollu, flimkien mal-provi eżebiti. Irriżulta li fil-21 ta' Marzu, 2015, seħħ inċident awtomobilistiku għall-ħabta tad-9 ta' filgħaxija, ġo Triq Tal-Barrani, Tarxien. F'dan l-inċident, kienu nvoluti:

(i) vettura Toyota Vitz bin-numru ACC 932, misjuqa minn Salahiddin Mohammed Altaroug u proprjetà ta' Ezzaden Ali Bashir Farhat (li f'partijiet mill-inkjesta maġisterjali ġiet indikata erronjament bħala bin-numru AAC 932);

(ii) vettura b'reġistrazzjoni AAF389, tal-għamla Opel Astra, proprjetà ta' Anthony Dimech; u

(iii) vettura b'reġistrazzjoni KBJ872, tal-mudell Honda Prelude, misjuqa minn Karol Grech u proprjetà ta' Mary Grace Grech.

Mill-provi prodotti u miġbura, inklużi dawk miġbura fl-inkjesta maġisterjali rriżulta, li Salahiddin Mohammed Altaroug u Karol Grech kienu qed isuqu l-vetturi tagħhom fl-istess karreġġjata, meta għal xi raġuni ħabtu ġenb ma' ġenb, bil-konsegwenza li Karol Grech tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, tela' fuq *centre strip* u minn hemmhekk, spiċċa fuq il-karreġġjata opposta fejn seħħet kolliżjoni mal-vettura misjuqa minn Anthony Dimech. Din il-Qorti osservat li t-triq fejn seħħ l-inċident, hija waħda dritta u għalhekk, ma kienx hemm xi restrizzjonijiet fil-viżwali tas-sewwieqa. Qieset li l-ħsara fil-vettura Toyota Vitz, kienet fuq quddiem, il-ġenb u wara, waqt li l-vettura Opel ġarrbet ħsarat kbar, anke fuq quddiem. Il-vettura Honda Prelude ġarrbet ħsarat fuq quddiem u anki mal-ġenb.

Jidher li hemm konflitt fix-xhieda (kemm mix-xhieda miġbura waqt l-inkjesta, u kif ukoll mix-xhieda miġbura f'din il-kawża), u dana peress li l-verżjoni mogħtija mis-sewwieq u mill-passiġġiera fit-Toyota Vitz, sostnew li l-vettura kienet fuq in-naħa tal-lemin u ħassew daqqa fuq wara, bil-konsegwenza li seħħet il-ħabta. Mill-banda l-oħra, il-verżjoni mogħtija minn Karol Grech u x-xhieda l-oħra kienet fis-sens, li l-vettura Toyota daħlet fil-karreġġjata fejn kien qed isuq Karol Grech, bil-konsegwenza li dan tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u spiċċa fil-karreġġjata l-oħra. Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raġġunti mill-Espert Dr. Mario Buttigieg fis-sens, li mill-ħsarat imġarrba fuq il-vetturi Toyota Vitz u Honda Prelude, jirriżulta li l-impatt seħħ bejn iż-żewġ vetturi fuq il-ġenb tagħhom.

Meta l-Qorti qieset il-provi, il-Qorti hi sodisfatta li l-inċident seħħ minħabba żewġ fatturi - il-manuvra li għamel is-sewwieq ta' Toyota Vitz u l-i*speed* eċċessiv li kien għaddej bih l-imputat. Dan l-inċident seħħ peress li meta s-sewwieq tat-Toyota Vitz kien ser jaqleb il-karreġġjata tiegħu, huwa ħabat mal-vettura misjuqa mill-imputat, u minħabba li l-imputat (anke kif anke xehdu uħud mix-xhieda okulari), kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li malli sar l-impatt mal-vettura Toyota

Vitz, huwa tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, li baqgħet dieħla fil-karreġġjata opposta. Għandu jingħad li ma hemmx dubju li l-fatt li xufier jitlef il-kontroll tal-karozza u jispiċċa fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, minnu nnifsu hija prova indizjarja jew "*circumstantial evidence*" jew toħloq "*presumption of fact*" ta' sewqan ħażin, għax xufier suppost li jkollu l-vettura tiegħu dejjem taħt kontroll. In fatti, issir referenza għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, fil-kawża, **Il-Pulizija vs. James Abela**, deċiża fil-11 ta' Lulju, 2002, fejn intqal:

> *'...f'materja ta' incidenti stradali, il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari, li kulltant jistghu ikunu biss soggettivi w kulltant , x'aktarx iva milli le , jkunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xiehda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara ,dawn il-provi indizjarji , jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid , jaghtu stampa cara tad-dinamika talincident. S'intendi bhal kull prova ndiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka w li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat".*

Intqal ukoll mill-Qorti fl-Appell Kriminali, fil-kawża fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. R. Bugeja,** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 1992, li:

> *"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix illimiti regolamentari izda jiskorri dak dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument."*

Illi anki jekk ix-xufier tat-Toyota Vitz kien negliġenti meta daħal fil-karreġġjata ta' l-imputat, dan ma jiskużax lill-imputat fin-nuqqasijiet tiegħu preċedenti u konkomitanti, għax kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Vassallo**, [Kollez. Vol.XXXVIII iv. p. 883]:

> *"Il-"contributory negligence " ma tezonerax lissewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas- sinistru."*

In fatti, il-fatt li ħaddiehor ukoll kien negliġenti, ma jġibx fix-xejn ir-responsabbiltà tal-imputat, sakemm in-negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat, kienet kawża effiċjenti, għall-anqas in parti, tal-ħabta (kif fil-fatt kienet). Issir referenza f'dan ir-rigward, għall-kwotazzjoni diretta li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-26 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Alexander Azzopardi**:

> *"In generale…si deve ritenere che, quando l'evento venne prodotto dalla Condotta contraria alla polizia o alla disciplina di piu` individui, ciascuno di essi ne risponde principalmente ed egualmente agli altri, sia egli stato causa immediata o mediata, prossima o remota, ma almeno in parte efficiente; purche`, cioe`, senza il concorso della sua condotta volontaria, ne` l'evento si sarebbe probabilmente verificato, ne` le cause immediate avrebbero verosimilmente operato. (Manzini, V. Trattato di Diritto Penale Italiano, Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed., UTET (Torino), 1981, Vol. I, para. 269).*

Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, il-fatt li l-vettura tant ħarġet mil-kontroll tas-sewwieq, li spiċċat kompletament fuq in-naħa ħażina tat-triq, u ħabtet ma' vettura oħra li kienet għaddejja f'dik il-karreġġjata opposta, jinkwadra ruħu fil-kuntest ta' sewqan perikoluż u traskurat. Din il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza nostrana, dwar x'jammonta għal sewqan perikoluż u traskurat. Illi fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Renald Vella** (Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali - Deċiza 19.05.2014) kien deċiż:

> *Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod*

*jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Mamo, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

Fl-istess sentenza ġja ċitata (**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**) (Deċiża 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano), il-Qorti tal-Appell Kriminali enunċjat it-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan, li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) ……." "*

In vista tas-suespost, din il-Qorti tqis għalhekk, li ġew ampjament ippruvati, kemm is-sitt imputazzjoni u kif ukoll is-seba' imputazzjoni. Madanakollu, is-seba' imputazzjoni tirriżulta li hija preskritta, in vista li l-ewwel seduta nżammet fit-3 ta' Novembru, 2016, u fl-atti ma ġiet eżebita l-ebda riferta preċedenti.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-imputazzjonijiet rimanenti, b'mod individwali.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din tirriżulta ampjament ippruvata bil-provi prodotti. Irriżulta li per konsegwenza ta' din il-kolliżżjoni bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u l-vettura misjuqa minn Anthony Dimech, Dimech ġie kkaġunat ġrieħi ta' natura gravi, bil-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jirriżulta mix-xhieda u rapport ta' Massimo Abela. Illi għalhekk, mill-provi prodotti jirriżulta li b'konsegwenza ta' din l-inċident, il-vittma ġarrab diżabilità permanenti. Għalhekk in-natura tal-ġrieħi sofferti, taqa' fil-parametri tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis li mill-Proċes Verbal irriżulta, li Dr Ali Safraz ippreżenta rapport fl-inkjesta maġisterjali, li ġie maħluf skont l-istess Proċes Verbal tal-inkjesta fis-7 ta' Jannar, 2016, f'liema rapport immarkat bħala Dok SA1 ġie konkluż li, *'the appearances are constistent with abortion following trauma. The gestational age is estimated to be approximately 8 weeks.'* Madanakollu, din il-Qorti tqis li mid-dinamika tal-inċident, ma jirriżultax li ġiet ippruvata n-ness ta' kawża u effett bejn il-ħabta u l-korriment ta' Rawia El Badr. Dana peress li mid-dinamika tal-inċident, irriżulta li kien is-sewwieq ta' Toyota Vitz li daħal fil-karreġġjata fejn kien qed isuq l-imputat, u minhabba f'hekk, seħħ l-impatt bejn dawn iż-żewġ vetturi. Għalhekk il-kawża prossima tal-impatt bejn il-vettura li kienet fiha Rawia El Badr u l-vettura misjuqa mill-imputat, kienet is-sewqan negliġenti tax-xufier tat-Toyota Vitz. Apparti minn hekk, għalkemm ġie mniżżel fir-rapport ta' Dr Safraz li l-abort seħħ kaġun ta' trawma, irriżulta wkoll mix-xhieda ta' Rawia El Badr, li hija lanqas baqgħet l-isptar, iżda telqet u kien imbagħad żmien wara li kellha terġa' tidħol l-isptar, fejn sarilha raxkament. Anke Dr. Mario Scerri spjega fir-rapport tiegħu, li huwa ma eżaminax lil Rawia El Badr għax din laħqet telqet mill-isptar. Għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha prova ċara, li effettivament ma ġara xejn fil-frattemp li seta' kkaġuna dan l-abort. Per konsegwenza, din il-Qorti mhux ser issib ħtija f'din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni u ċioè feriti ta' natura ħafifa fuq Maria Bianco, il-Qorti qieset ir-rapport tal-Espert Dr. Mario Scerri, li eżamina lil Bianco a tempo vergine u rrelata li l-abrażjonijiet li kellha, kienu kompatibbli ma' *seatbelt injuries*, jew ma *blunt trauma*. Madanakollu, Dr Mario Scerri ma ċċertifikax x'tip ta' feriti kienu. Il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq iktar provi dwarhom jew li tressaq ċertifikati u/jew affidavits tat-tobba li kienu eżaminaw lil Maria Bianco. Lanqas ma tressqet xi kwerela ta' Maria Bianco, li xtaqet li tipproċedi kontra l-imputat rigward dawn il-feriti. Il-Qorti ma tqisx li tressqu provi suffiċjenti mill-Prosekuzzjoni dwar din l-imputazzjoni, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Maria Bianco.

Dwar it-tielet imputazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' feriti ta' natura ħafifa sofferti minn Rawia El Badr, din il-Qorti tqis li ma tressqu l-ebda provi dwarhom.

Rawia El Badr sostniet li kellha uġigħ f'daharha. Ċertifikati mediċi jew affidavits ta' tobba li eżaminaw lil Rawia El Badr, ma tressqux. Lanqas Dr. Mario Scerri ma kien eżamina lil Rawia El Badr fl-inkjesta maġisterjali. Għalhekk, anke f'dan ir-rigward, din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, għal dak li għandu x'jaqsam mal-vettura Opel Astra, din il-Qorti tqis li din ġiet ampjament ippruvata fir-rigward tal-imputat, u dan a detriment ta' Anthony Dimech. Jirriżulta wkoll li saret ħsara fil-vettura Honda Prelude għad-detriment ta' Mary Grace Grech, iżda din ma xehditx f'dawn il-proċeduri u lanqas ma ġiet ippreżentata xi kwerela da parti tagħha. Dwar il-ħsara li saret fuq il-vettura Toyota Vitz, apparti li fir-rigward tal-impatt bejn il-vettura Toyota Vitz u l-vettura Honda Prelude, ġja ngħadd li l-kawża prossima kien il-fatt li s-sewwieq ta' Toyota Vitz daħal ġol-vettura Honda Prelude, jibqa' l-fatt li s-sid u ċioè Ezzadden Ali Bashir Farhat, baqa' qatt ma ppreżenta xi tip ta' kwerela u għalhekk, anke fir-rigward ta' dik il-vettura, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat.

Dwar il-ħames imputazzjoni, din ġiet ampjament ippruvata mix-xhieda mogħtija minn Edgar Borg u d-dokumenti ppreżentati minnu. Dan xehed f'dawn il-proċeduri u kkonferma l-interess li għandha ELC Ltd. f'din il-proċedura, tant li spjega li l-ammont dovut kien għadu ma ġiex imħallas.

Dwar it-tmien imputazzjoni, l-oneru kien fuq l-imputat li jipprova li kien hemm polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopriħ waqt is-sewqan tal-vettura in kwistjoni. Mill-atti tal-inkjesta rriżulta li ma kienx hemm tali polza. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja miġjuba mill-imputat, din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll ippruvata. Iżda din il-Qorti tqis li r-rekwiżit sottolinjat fl-Artikolu 3(3) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġiex sodisfatt. In fatti, tali proċedura għandha ssir :-

(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew

(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat, u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.

Tali terminu laħaq iddekkora qabel ma' nħarġu dawn l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, peress li skont it-timbru fuq it-taħrika tal-kawża, din inħarġet f'Ġunju 2016, u ċioè wara l-għeluq ta' sena minn mindu seħħ l-inċident. Għalhekk, din il-parti tal-imputazzjoni hija preskritta.

Dwar id-disa' imputazzjoni msejsa fuq l-Artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tressqu l-ebda provi mill-Prosekuzzjoni. Kif intqal minn din il-Qorti hekk kif diversmanet ipprseduta, fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Chantelle Casha) v. Nathaniel Grech** (11 ta' Marzu, 2019):

> *"Illi biex jissussisti r-reat prospettat fl-artikolu 61 tal-Kapitolu 65 iridu jigu pruvati diversi elementi fosthom it-tehied ta' vettura, mingħajr il-kunsens tas-sid, b'l-għan li juza dik il-vettura temporanjament billi jsuqha. Fil-fehma tal-Qorti biex it-tehied ta' vettura jirrinkwadra ruhu f'dan ir-reat il-vettura għandha tittiehed mingħajr il-permess tas-sid, mingħand id-detentur legittimu tagħha, u dan b'l-għan biss li tinstaq għal ftit u li tigi ritornata lis-sid jew lid-detentur legittimu."*

Dwar piena, din il-Qorti sejra tqis il-Liġi kif kienet viġenti fiż-żmien tal-inċident. Qieset ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan. Qieset ukoll it-talba li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, iżda tinnota li l-ispejjeż tal-Uffiċjal tas-SOCO u ta' Dr Mario Scerri biss kienu inseriti, mentri l-ispejjeż tal-esperti l-oħra ma kinux indikati fl-imsemmija inkjesta.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli relevanti kollha:**

i. **qiegħda tillibera lill-imputat mit-tieni, mit-tielet u mid-disa' imputazzjonijiet, kif ukoll qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni, inkwantu tirrigwarda l-vetturi Toyota Vitz u Honda Prelude għad-detriment ta' Ezzadden Alib Bashir Farha u Mary Grace Grech rispettivament;**

ii. **qiegħda tiddikjara bħala preskritti, is-seba' imputazzjoni u t-tmien imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**

iii. **qiegħda, wara li rat l-Artikoli 218(1)(a),226(1)(a), 328(b) u (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tar-raba' imputazzjoni in kwantu tirrigwarda l-vettura Opel Astra, numru tar-reġistrazzjoni AAF 389, għad-detriment ta' Anthony Dimech, tal-ħames imputazzjoni, u tas-sitt imputazzjoni, u tikkundannah għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn Ewro (€2000) u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur, li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum;**

iv. **qiegħda a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż inkorsi fl-inkjesta maġisterjali, fl-ammont ta' €200.10ċ (spejjeż SOCO PC 302); u €424.60ċ (spejjeż imħallsa lil Dr Mario Scerri) fi żmien tliet xhur mil-lum.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur